# Qorti tal-Magistrati (Malta)
# Bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali

# Magistrat Dr. Doreen Clarke LL.D.

**Illum 05 ta' Marzu, 2020**

**Il-Pulizija**
**(Spettur Kevin Pulis)**
**vs**
**Joseph Callus**

**Drogi Numru: 8/2020**

Il-Qorti,

Rat l-akkuza migjuba kontra l-imsemmi Joseph Callus, u detentur tal-karta ta' l-identita' bin-numru 0300460(M).

Akkuzat talli f'dawn il-Gzejjer fil-15 ta' Marzu, 2018 u/jew fil-gimghat ta' qabel kellu fil-pussess tieghu ir-raza mehuda mill-pjanta Cannabis jew xi preparazzjonijiet li jkollhom bhala bazi din ir-raza ta' l-artikolu 8(a) tal-Kapitolu 101 tal-Ligijiet ta' Malta

Il-Qorti, giet mitluba li f'kaz ta' htija barra milli tapplika l-piena skond il-ligi tordna lill-imputat ihallas l-ispejjez li ghandhom x'jaqsmu mal-hatra ta' l-esperti skond l-artikolu 533(1) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

Rat l-Ordni ta'l-Avukat Generali a tenur ta'l-artikolu 22(2) tal-Kapitolu 101 tal-Ligijiet ta' Malta biex dan il-kaz jinstemgha minn din il-Qorti bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali.

Rat li l-imputat ammetta l-imputazzjoni migjuba kontra tieghu u kkonferma din l-ammissjoni anke wara li l-Qorti taghtu zmien jikkunsidra l-pozizzjoni tieghu.

Rat l-atti processwali.

Semghat it-trattazzjoni dwar il-piena.

Ikkunisdrat

Illi l-imputat ammetta l-imputazzjoni migjuba kontra tieghu; din ghalhekk hija sodisfacjentment pruvata.

Illi dwar l-piena hadet in konsiderazzjoni n-natura tar-reat li tieghu qed jinstab hati l-imputat u l-fedina penali tieghu min-naha u min-naha l-ohra l-koperazzjoni tieghu mal-pulizija u l-amissjoni f'l-aktar stadju bikri ta' dawn il-proceduri. Hadet in konsiderazzjoni ukoll l-kwantita u x-xorta tad-droga involuta.

Ghal dawn il-motivi l-Qorti wara li rat wara li rat l-artikoli 8(a), 22(1)(a) u 22(2)(b)(ii) tal-Kapitolu 101 tal-Ligijiet ta' Malta u r-Regolament 9 ta'l-Avviz Legali 292 tas-sena 1939, fuq ammissjoni ssib lill-imputat hati ta'l-imputazzjoni migjuba kontra tieghu u b'applikazzjoni ta'l-artikolu 22 tal-Kapitolu 446 tal-Ligijiet ta' Malta **tilliberah bil-kundizzjoni li ma jaghmilx reat iehor fi zmien tmintax il-xahar**.

In oltre qed tordna **d-distruzzjoni tad-droga u oggetti ohra esebiti bhala Dok KP3**; dan taht il-harsien tar-Registratur ta' din il-Qorti li ghandu jirredigi process verbal li jiddokumenta l-procedura tad-distruzzjoni, liema dokument ghandu jigi nserit fl-atti ta' din il-kawza mhux aktar tard minn hmistax-il jum minn tali distruzzjoni.

Il-Qorti spjegat lill-imputat fi kliem ordinarju l-import ta' din is-sentenza u dwar il-konsegwenzi jekk jikkommetti reat iehor fiz-zmien prefiss.

**DR. DOREEN CLARKE**
**MAGISTRAT**